MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 1105/2008/1

**Frank X. Fenech u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2013 stante l-mewt ta' Frank Xavier Fenech fil-mori tal-appell,
l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi tieghu Marie Therese Fenech,
Mario Lino Fenech u Richard Fenech**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li pprezenta r-rikorrent Frank X. Fenech li jaqra hekk:
"Illi huwa gie infurmat li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ippubblika fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Ottubru 2008 ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2008 bin-numru 129/2008 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Frank X. Fenech f'ismek personali u kif ukoll bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd. (C20077) ghall-hlas tal-ammont globali ta' mija u wiehed u sebghin elf erba' mija u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€171,440.15) rapprezentanti ammont allegatament dovut mill-esponenti f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited (C20077) skont l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala hlas ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

"Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

"Illi fl-ewwel lok il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mmizjud gia` pproceda ghall-istess ammont kontra direttur iehor personalment u ghalhekk ma jistax jottjeni zewg titoli ezekuttivi ghall-istess ammont minghand diretturi differenti;

"Illi di piu` l-esponenti ma rcieva l-ebda nota ta' talba ghall-hlas kif stipulat mil-legislatur fl-Artikolu 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406);

"Illi l-esponenti mhuwiex direttur tal-kumpanija Auto Repairs & Services Ltdu dan sa minn qabel din l-ittra ufficjali giet intavolata u ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala rapprezentant taghha fit-termini tal-Artikolu 66 (1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406);

"Illi l-kumpanija Auto Repairs & Services Ltd giet 'struck off' b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversement preseduta u kwalunkwe talba ghandha ssir lill-amministratur provizzorju tal-istess kumpanija;

“Illi subbordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 66(5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma japplikax fil-konfront tal-esponenti Frank X. Fenech minhabba l-fatt li huwa ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu xi flus jew proprjeta` tal-kumpanija Auto Repairs & Services Ltd.

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba maghmlula mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ittra ufficjali bin-numru 129/2008 bhala wahda infondata fil-konfront tieghu personalment.”

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha eccepixxa:
“1. Illi fl-ewwel lok, bis-sahha tal-Artikolu 59(1) tal-Kap. 406, l-Avviz li jinhareg mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kontra persuna rregistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u cioe` f’dan il-kaz l-Avviz li nhareg kontra s-socjeta` Auto Repairs & Services Limited, jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur l-istess Kummissarju kontra dik il-persuna ghall-ammonti dovuti minn tali persuna kif murija fl-Avviz imsemmi;

“Illi ai termini tal-Artikolu 66(5) tal-Kap. 406, ir-rikorrent, in kwantu direttur tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited u kwindi in kwantu rapprezentant tal-istess socjeta` ai termini tal-Artikolu 66(1) tal-Kap. 406, huwa responsabbli b’mod solidali mal-istess socjeta` Auto Repairs & Services Limited ghall-ammonti dovuti mis-socjeta` odjerna lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bis-sahha tat-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi;

“Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak espost mir-rikorrent, il-Kummissarju intimat ma ottjeniex zewg titoli ezekuttivi ghall-istess ammont, izda ottjena titolu ezekuttiv wiehed li huwa enforzabbli kemm fil-konfront tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited bhala l-persuna rregistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kif ukoll kontra d-diretturi kollha tal-istess socjeta`, b’ghazla tieghu, u dan ai termini tal-Artikoli 1096 u 1097 tal-Kap. 16;

“2. Illi fir-rigward tat-tieni punt sollevat mir-rikorrent u cioe` illi r-rikorrent ma rcieva l-ebda nota ta’ talba ghall-hlas, l-esponent jirreferi bir-rispett kollu ghall-fatt illi ai termini tal-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406, in-nota in kwistjoni ghandha tigi notifikata lill-persuna rregistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u cioe` f’dan il-kaz lis-socjeta` Auto Repairs and Services Limited, kif fil-fatt gara. L-istess artikolu ma jipprovdix illi din in-nota ghandha tintbaghat ukoll lir-rapprezentant jew rapprezentanti tal-persuna kkoncernata;

“3. Illi fit-tielet lok, m’huwiex minnu illi r-rikorrent m’huwiex direttur tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited. Illi fil-fatt, ir-rikorrent huwa wiehed mill-ewwel diretturi tas-socjeta` imsemmija u zamm din il-kariga sa llum, u kwindi bhala tali ghandu jitqies bhala rapprezentant tal-istess socjeta` ai termini tal-Artikolu 66(1) tal-Kap. 406.

“4. Illi m’huwiex minnu illi s-socjeta` Auto Repairs & Services Limited giet ‘struck off’ kif allegat mir-rikorrent;

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba mertu tal-procedura odjerna u cioe` l-ittra ufficjali bin-numru 129/2008, hija indirizzata fil-konfront tar-rikorrent personalment in kwantu responsabbli solidalment mas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited u bhala tali ghandha tigi mahruga u notifikata lilu;

“5. Illi r-rikorrent irid jipprova illi ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu xi flus jew proprjeta tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited, kif minnu allegat;

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia gie espost illi r-rikorrent effettivament ghadu sa llum direttur tas-socjeta` Auto Repairs and Services Limited u kwindi m’huwiex minnu illi ma kellux taht it-tmexxija, amministrazzjoni jew kontroll tieghu flus jew proprjeta` tas-socjeta` Auto Repairs and Services Limited.

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Jannar, 2010, li in forza taghha pprovdiet dwar it-talba tar-rikorrent
“… … … billi tgħid illi t-talba magħmula mill-intimat kontra r-rikorrent b’ittra uffiċjali tal-14 ta’ Jannar 2008 (numru 129/2008) hija intempestiva, u l-intimat ma jistax, f’dan il-waqt u sakemm ma jkunux saru l-proċeduri kollha u jkun għadda ż-żmien li trid il-liġi, kif imfisser fuq, igħaddi biex jiġbor mingħand ir-rikorrent il-ħlas tat-taxxa u l-penali imsemmija f’dik l-ittra bis-saħħa ta’ titolu esekuttiv.

“L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri tallum għandu jħallashom l-intimat.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-kwistjoni f’din il-kawża hija jekk ir-rikorrent personalment huwiex marbut li jagħmel tajjeb, *in solidum* mas-soċjetà, għad-dejn li l-istess soċjetà għandha mal-intimat.

“L-intimat qiegħed jitlob ħlas mingħand ir-rikorrent, bħala “rappreżentant” tas-soċjetà, taħt l-art. 66(5) tal-Kap. 406:

“**66.** (5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:

“iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta’ persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rappreżentant tagħha.

“L-ewwel ħaġa li rridu naraw, mela, hija jekk ir-rikorrent huwiex “rappreżentant” tas-soċjetà. L-art. 66(1) jgħid illi

direttur ta' soċjetà, fost oħrajn, jitqies rappreżentant tas-soċjetà għall-għanijiet tal-Kap. 406.

"Mir-reġistru tas-soċjetajiet jidher illi r-rikorrent huwa direttur tas-soċjetà u għalhekk għandu jitqies bħal rappreżentant tagħha għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi. Lanqas ma nġiebet prova li isem is-soċjetà tħassar mir-reġistru (*struck off*), kif igħid l-intimat; il-prova li nġiebet hija li s-soċjetà qiegħda fi stralċ, u għalhekk għad għandha personalità ġuridika[1].

"Ir-rikorrent qiegħed igħid ukoll illi l-intimat ġà mexxa kontra direttur ieħor għall-ħlas tal-istess dejn, u għalhekk ma jistax issa jmexxi wkoll kontra r-rikorrent għax, jekk jagħmel hekk, ikun qiegħed jikseb żewġ titoli esekuttivi dwar l-istess dejn.

"Dan l-argument tar-rikorrent huwa manifestament ħażin. Jekk tassew jeżistu l-kondizzjonijiet għar-responsabilità solidali bejn is-soċjetà u d-diretturi tagħha (u bla preġudizzju, f'dan il-waqt, għal din il-kwistjoni), l-intimat bħala kreditur jista' jdur kontra kull wieħed li jrid mid-debituri solidali, u l-fatt li jkun dar kontra wieħed minnhom ma jżommux milli jdur ukoll kontra ieħor, sakemm, naturalment, ma jkunx tħallas mill-ewwel wieħed u hekk jispiċċa d-dejn. Dan joħroġ testwalment mill-art. 1097 tal-Kodiċi Ċivili[2].

"Il-proċedura biex l-intimat jikseb u jesegwixxi titolu esekuttiv hija regolata bl-art. 59 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406], li jgħid hekk:

"**59.** (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xieħda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv

[1] Art. 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386.

[2] **1097.** It-talba ġudizzjarja magħmula kontra wieħed mid-debituri *in solidum* ma tneħħix lill-kreditur il-jedd li jaġixxi b'talba bħal dik kontra kull wieħed ieħor mid-debituri l-oħra, lanqas jekk fl-ewwel talba, il-kreditur ma jkunx żamm espressament dak il-jedd.

fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju … … …

"Ir-rikorrent igħid illi qatt ma ġie notifikat bin-nota ta' talba għall-ħlas, u għalhekk l-intimat ma setax ikompli għaddej bil-pass li jmiss, *i.e.* talba b'att ġudizzjarju u l-ħruġ ta' mandati esekuttivi. L-intimat igħid illi huwa biżżejjed illi n-nota ta' talba għall-ħlas tkun notifikata lill-persuna reġistrata mad-dipartiment bħala persuna taxxabbli għax il-liġi tiddistingwi bejn "persuna", li hija l-persuna taxxabbli, fil-każ tallum is-soċjetà, u "rappreżentant" u trid illi n-notifika ssir lill-"persuna" u mhux lir-"rappreżentant".

"Fil-fehma tal-qorti, ir-rabta tal-kliem tal-art. 59(2) ma jagħtix raġun lill-intimat. Dak is-sub-artikolu jgħid illi l-intimat jista' jiġbor il-ħlas "wara jumejn min-notifika *lil dik il-persuna* ta' talba għall-ħlas" li ssir b'att ġudizzjarju. "Dik il-persuna" hija ovvjament referenza għal-"persuna" li tissemma' aktar 'il fuq fl-istess subartikolu, *viz.* il-persuna li għandha tħallas it-taxxa u l-penali amministrattiva – li ma hijiex biss il-persuna reġistrata iżda wkoll ir-rappreżentanti tagħha għax dawn ukoll "għandhom iħallsu" t-taxxa u l-penali – u dik il-persuna li ma tkunx ħallset "fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna". Fil-każ tallum ir-rikorrent huwa persuna li għandha tħallas it-taxxa iżda ma huwiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas; għalhekk, sakemm ma ssirx dik in-notifika lill-intimat u sakemm ma jgħaddix iż-żmien li trid il-liġi wara dik in-notifika, ir-rikorrent ma huwiex persuna li

kontra tagħha l-intimat jista' jgħaddi biex jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandati esekuttivi.

"Tajjeb li jingħad ukoll illi mkien fl-art. 73 tal-Kap. 406, dwar notifika ta' avviżi, ma jingħad illi notifika lill-persuna taxxabbli titqies ukoll bħala notifika lir-rappreżentanti għall-għanijiet tal-art. 59. Ukoll, fl-art. 2 – *de verborum significatione* – ma jingħadx illi "persuna" tfisser biss "persuna taxxabbli"; anzi, hemm tifsiriet differenti għal "persuna" u għal "persuna taxxabbli".

"Għal din ir-raġuni l-qorti tipprovdi dwar ir-rikors tal-5 ta' Novembru 2008 billi tgħid illi t-talba magħmula mill-intimat kontra r-rikorrent b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Jannar 2008 (numru 129/2008) hija intempestiva, u l-intimat ma jistax, f'dan il-waqt u sakemm ma jkunux saru l-proċeduri kollha u jkun għadda ż-żmien li trid il-liġi, kif imfisser fuq, igħaddi biex jiġbor mingħand ir-rikorrent il-ħlas tat-taxxa u l-penali imsemmija f'dik l-ittra bis-saħħa ta' titolu esekuttiv.

"L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri tallum għandu jħallashom l-intimat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha:
"… … … thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2010 fil-kawza fl-ismijiet Frank X. Fenech vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq riferita, bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellat."

Rat ir-risposta tal-eredi tar-rikorrent li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Il-kwistjoni f'din il-kawza hija semplici biex tigi definita. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (tal-VAT), b'ittra ufficjali tal-14 ta' Jannar, 2008, sejjah lil Frank X. Fenech personalment u lill-istess Frank X. Fenech bhala direttur tas-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd. sabiex ihallsu s-somma ta' €171,440.15 dovuta bhala VAT. Qabel ma harget din l-ittra ufficjali, il-Kummissarju tal-VAT, kif titlob il-ligi, hareg nota ta' talba ghall-hlas li nnotifikaha biss lis-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd. Ir-rikorrent qieghed, ghalhekk, jissottometti li ma jistghux jitkomplew proceduri ezekuttivi kontra tieghu peress illi hu personalment qatt ma gie mitlub ihallas.

L-ewwel Qorti accettat dan l-argument tar-rikorrent, izda l-intimat Kummissarju appella mis-sentenza u qed jinsisti illi, skont il-ligi, hu ghandu dover li jinnotifika biss lill-persuna taxxabbli u mhux ukoll lil dak ix-xi hadd li jista' jkun responsabbli wkoll u solidalment ghall-hlas tat-taxxa.

Qari tal-Artikolu 59(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta), pero`, ma jaghtix ragun lill-Kummissarju intimat. Dan l-artikolu jghid li l-Kummissarju jista' jitlob il-hlas tat-taxxa "li ghandha tithallas minn persuna skont dan l-att" bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, li jfisser li dik il-persuna li, skont il-ligi, ghandha thallas it-taxxa (f'kaz ta' socjeta` kummercjali, l-istess socjeta`, u rapprezentant taghha ai termini tal-Artikolu 66(5) tal-istess Att) ghandha tigi mitluba thallas it-taxxa permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas; jekk dik il-persuna hekk notifikata ma thallasx fiz-zmien tletin jum, il-Kummissarju jista' jipprocedi biex jigbor il-hlas "wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju". Il-ligi trid li kontra min se jittiehdu proceduri ezekuttivi ghall-hlas tat-taxxa jrid l-ewwel jigi mitlub ihallas bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u wara jigi notifikat b'att gudizzjarju.

Dan il-punt gie diskuss u hekk ukoll deciz minn din il-Qorti fil-kawza **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Frank V. Fenech**, deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, li fiha intqal dan is-segwitu ghall-meritu tal-kwistjoni:

*"1. Ir-Rikorrent igħid illi qatt ma ġie notifikat bin-nota ta' talba għall-ħlas, u għalhekk il-Kummissarju ma setax ikompli għaddej bil-pass li jmiss, i.e. talba b'att ġudizzjarju u l-ħruġ ta' mandati esekuttivi. Il-Kummissarju jgħid illi huwa biżżejjed illi n-nota ta' talba għall-ħlas tkun notifikata lill-persuna reġistrata mad-dipartiment bħala persuna taxxabbli għax il-liġi tiddistingwi bejn "persuna", li hija l-persuna taxxabbli, fil-każ tallum is-Soċjetà, u "rappreżentant" u trid illi n-notifika ssir lill-"persuna" u mhux lir-"rappreżentant".*

*"12. Il-Kummissarju jgħid ukoll illi "li kieku l-leġislatur ried illi n-nota ta' talba għall-ħlas tiġi notifkata wkoll lir-rappreżentanti tal-persuna reġistrata bħala taxpayer, il-ligi kienet tispeċifika dan b'mod ċar". Il-punt iżda ma huwiex jekk in-nota għandhiex tiġi notifikata lir-rappreżentanti tal-persuna taxxabbli, iżda jekk għandhiex tiġi notifikata lil dik il-persuna li mingħandha l-Kummissarju jrid jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandati esekuttivi.*

*"11. L-istess meta l-Kummissarju jgħid illi "l-Kap. 406 ma jikkontemplax illi l-Kummissarju għandu jikseb titolu eżekuttiv fil-konfront ta' kull rappreżentant ta' persuna". Il-punt ma hux jekk il-Kummissarju għandux jikseb titolu eżekuttiv kontra kull rappreżentant ta' persuna taxxabbli, iżda jekk jistax jikseb il-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra dawk il-persuni biss li dwarhom ikun għamel il-proċedura meħtieġa biex jikseb titolu eżekuttiv, inter alia bin-notifika ta' nota ta' talba għall-ħlas.*

*"12. Fil-fehma tal-qorti, ir-rabta tal-kliem tal-art. 59(2) ma jagħtix raġun lill-Kummissarju. Dak is-sub-artikolu jgħid illi l-Kummissarju jista' jiġbor il-ħlas "wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas" li ssir b'att ġudizzjarju. "Dik il-persuna" hija ovvjament referenza għall-"persuna" li tissemma' aktar 'il fuq fl-istess subartikolu, viz. (i) il-persuna li għandha tħallas it-taxxa u l-penali amministrattiva – li ma hijiex biss il-persuna reġistrata iżda wkoll ir-rappreżentanti tagħha għax dawn ukoll "għandhom iħallsu" t-taxxa u l-penali – <u>u</u> (ii) dik il-persuna li ma tkunx ħallset "fi żmien tletin jum mid-data*

*meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna". Fil-każ tallum jista' jkun li r-Rikorrent huwa persuna li għandha tħallas it-taxxa*[3] *iżda ma huwiex il-persuna li lilha ġiet notifikata n-nota ta' talba għall-ħlas; għalhekk, sakemm ma ssirx dik in-notifika lir-Rikorrent u sakemm ma jgħaddix iż-żmien li trid il-liġi wara dik in-notifika, ir-Rikorrent ma huwiex persuna li kontra tagħha l-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor il-ħlas bil-ħruġ ta' mandati esekuttivi.*

*"13. Tajjeb li jingħad ukoll illi mkien fl-art. 73 tal-Kap. 406, dwar notifika ta' avviżi, ma jingħad illi notifika lill-persuna taxxabbli titqies ukoll bħala notifika lir-rappreżentanti għall-għanijiet tal-art. 59. Ukoll, fl-art. 2 dwar tifsira tal-kliem ma jingħadx illi "persuna" tfisser biss "persuna taxxabbli"; anzi, hemm tifsiriet differenti għal "persuna" u għal "persuna taxxabbli". Għalhekk meta fl-art. 59(2) tissemma "notifika lil dik il-persuna" ir-referenza ma hijiex biss għall-persuna taxxabbli.*"

Din il-Qorti, kif issa komposta, tikkondividi dan il-hsieb. Lanqas il-fatt li tezisti s-solidarjeta` bejn socjeta` kummercjali u r-rapprezentanti taghha ma jwassal ghall-konkluzjoni li titolu ezekuttiv kontra wiehed jghodd ghall-parti l-ohra wkoll. Il-Laurent (Vol. XX sez. 122) jistaqsi: "*I debitori ed i creditori di una cosa indivisibile si rappresentano vincendevolmente?"* U jirrispondi: "*Quantunque la questione sia controversa, la negativa non ci pare dubbio*". Dan l-awtur jghid l-istess haga ghas-solidarjeta`. Tal-istess opinjoni huma il-Mattirolo ("Trattato di Vir. Giudiz. Civile", Vol. V sez. 159) u l-Mortora (Vol. V sez. 341). Il-kreditur ta' obbligazzjoni solidali jew indivizibbli ma jistax, allura, jakkwista titolu ezekuttiv kontra l-ko-debituri kollha b'notifika tal-att rilevanti lill-parti wahda biss.

Darba allura, li r-rikorrent Frank X Fenech ma giex mitlub ihallas it-taxxa dovuta bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas,

[3] Jekk ir-Rikorrent huwiex persuna li għandha tħallas it-taxxa bħala reppreżentant tal-persuna taxxabbli huwa kontestat, iżda dwar dan l-ewwel qorti ma tatx deċiżjoni.

ma jistax, f'dan l-istadju, jittiehdu proceduri ezekuttivi kontrih ghall-hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u wkoll ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------